



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0192/2012

6.6.2012

RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-ilma, qabel l-adozzjoni ta' approċċ globali neċessarju għall-isfidi Ewropej rigward l-ilma (2011/2297(INI))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Richard Seeber

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	16
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA	19
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-PETIZZJONIJIET	23
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	28

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma, qabel l-adozzjoni ta' approċċ globali neċessarju għall-isfidi Ewropej rigward l-ilma (2011/2297(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma¹ ('id-WFD'),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġiż u d-deterjorament ('id-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art')²;
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ ('l-EQSD'),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 91/271/KEE tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi⁴ ('il-UWWTD'),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 91/676/KEE tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli⁵ ('id-Direttiva dwar in-Nitrati'),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar⁶ ('id-Direttiva dwar l-Għargħar'),
- wara li kkunsidra r-Regolament 1107/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u

¹ ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

² ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19.

³ ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84.

⁴ ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40.

⁵ ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1.

⁶ ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27.

2000/21/KE tal-Kummissjoni¹ ('ir-Regolament REACH'),

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi;
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru .../.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti bijoċidali;
- wara li kkunsidra l-'Blueprint għall-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma tal-Ewropa' li jmiss tal-Kummissjoni,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni 'L-assigurazzjoni ta' ħajjitna, il-kapital naturali tagħna: strateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020'(COM(2011)0244),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu 'Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi' (COM (2011) 0571),
- wara li kkunsidra s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar l-Ilma li jmiss,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, tat-18 ta' Lulju 2007, bit-titolu 'Li tindirizza l-isfida tal-iskarsezza tal-ilma u l-perjodi ta' nixfa fl-Unjoni Ewropea' (COM(2007)0414),
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2012 dwar is-Sitt Forum Dinji dwar l-Ilma² f'Marsilja mit-12 sas-17 ta' Marzu 2012 u l-Pjattaforma ta' Soluzzjonijiet u Impenji li ġiet adottata hemmhekk,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar l-indirizzar tal-isfida tal-iskarsezza tal-ilma u tan-nixfa fl-Unjoni Ewropea³,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2010 dwar il-White Paper tal-Kummissjoni bit-titolu 'L-adattament għat-tibdil fil-klima: Lejn Qafas Ewropew għall-azzjoni',
- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza

¹ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

² Testi adottati, P7_ TA(2012)0091.

³ ĠU C 9E, 15.1.2010, p. 33.

tal-Ikel u l-opinjoniġiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A7-0192/2012),

- A. billi d-WFD stabbiliet qafas għall-protezzjoni u r-restawr tal-ilma nadif fl-UE u biex ikun żgurat l-użu fit-tul u sostenibbli tiegħu, u għandha l-għan li takkwista 'stat ekoloġiku u kimiku tajjeb' sal-2015, iżda billi r-reviżjoni tal-Pjanijiet għall-Ġestjoni tal-Baċiri tax-Xmajjar stabbiliti mill-Istati Membri kif rekwiżit mid-Direttiva tindika li numru sinifikanti ta' korpi tal-ilma tal-UE mhumiex se jilhqqu 'stat tajjeb' sal-2015 minħabba sfidi kemm antiki u kemm emerġenti;
- B. billi l-ilma huwa partikolarment vulnerabbli għall-effetti tat-tibdil fil-klima, u dan jista' jwassal għal tnaqqis fil-kwantità u l-kwalità tal-ilma – partikolarment tal-ilma tax-xorb – disponibbli, kif ukoll għal żieda fil-frekwenza u l-intensità tal-għargħar u taż-żminijiet ta' nixfa;
- C. billi l-ilma huwa ass pubbliku inaljenabbli li huwa essenzjali għall-ħajja, u l-ġestjoni ekwa tal-ilma għandha rwol vitali fil-konservazzjoni tal-kapital naturali dinji u tas-servizzi tal-ekosistema, kif ukoll fl-aspetti kollha tal-użu tar-riżorsi u l-produzzjoni ekonomika, u billi l-futur tal-industrija fl-Ewropa jiddependi fuq ir-rispons effettiv għall-isfidi preżenti tal-ilma u l-immaniġġjar tar-riżorsi eżistenti tal-ilma, li għandhom konsegwenzi diretti fuq is-saħħa tal-bniedem, il-produzzjoni tal-enerġija, l-agrikultura u s-sigurtà alimentari, b'mod responsabbli kif ukoll effiċjenti;
- D. billi l-Ewropa qiegħda testratta madwar 13 % biss tat-total tal-ilma ħelu disponibbli tagħha, li diġà jindika ċertu pressjoni dwar l-ilma, u billi f'ħafna postijiet fl-Ewropa, l-estrazzjoni tal-ilma taqbeż il-livelli sostenibbli u thedded l-organiżmi slavaġ, il-provvista sikura tas-soċjetà u l-użi ekonomiċi differenti, u billi f'ċerti reġjuni tan-Nofsinhar tal-Ewropa l-indiċi tal-konsum tal-ilma huwa fuq l-40%, li jfisser livell oġhla ta' pressjoni dwar l-ilma;
- E. billi l-klima nofsha niexfa ta' territorji oħra fin-Nofsinhar tal-Ewropa hija karatterizzata wkoll minn distribuzzjoni inugwali ħafna tar-riżorsi tal-ilma matul is-sena u fuq diversi snin, u billi din id-distribuzzjoni irregolari ferm turi t-tendenza li t-tibdil fil-klima qed ikompli jiggrava;
- F. billi l-istrateġija Ewropa 2020 tistipula użu aktar effiċjenti tar-riżorsi, iżda bħalissa t-tendenzi fl-użu tal-ilma huma spiss insostenibbli minħabba prattiċi ineffiċjenti li jirriżultaw f'ħela ta' ilma u billi s-sistemi tal-infrastruttura tal-ilma huma spiss skaduti, kemm fir-reġjuni l-aktar żviluppatti u wkoll f'dawk l-anqas żviluppatti, u hemm nuqqas ta' informazzjoni dwar il-prestazzjoni u t-telf attwali;
- G. billi t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika tista' sseħħ biss billi tiġi kkunsidrata l-problema tal-ilma;
- H. billi ilma mormi mhux imsaffi kif suppost jibqa' jikkawża żieda fit-tniġġis tal-kosti tal-ibħra Ewropej, għalhekk huwa essenzjali li titħaffef l-implimentazzjoni ta' infrastruttura tat-tisfija tal-ilma fl-Istati Membri;

L-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-ilma: suċċessi u nuqqasijiet

1. Jirrikonoxxi li d-WFD hija bażi leġislattiva solida u ambizzjuża għall-ġestjoni integrata fit-tul tal-ilma fl-UE; jilqa' t-titjib fil-kwalità tal-ilma Ewropew u t-trattament tal-iskart tal-ilma fis-snin reċenti; jinnota, madankollu, li r-rata tal-implimentazzjoni kienet baxxa u inugwali fost l-Istati Membri u r-reġjuni u li jeħtieġ li l-implimentazzjoni tad-WFD tiġi mtejba b' mod sinifikanti sabiex jintlaħaq 'stat tajjeb' fl-ilmijiet Ewropej kollha sal-2015;
2. Jirrikonoxxi li l-ilma huwa beni komuni tal-umanità u beni pubbliku u li l-aċċess għall-ilma għandu jikkostitwixxi dritt fundamentali u universali; jenfasizza li l-użu sostenibbli tal-ilma huwa neċessità ambjentali u ta' saħħa u li għandu rwol fundamentali fiċ-ċiklu tar-regolazzjoni tal-klima; itenni l-ħtieġa li r-regoli tas-suq intern jiġu adattati għall-karatteristiċi distintivi tas-settur tal-ilma u jistieden lill-Istati Membri biex fil-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, iġestu l-ilma u l-utilitajiet tal-ilma skont l-Artikolu 9 tad-WFD;
3. Jinnota li minkejja l-progress li sar fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban MORMI, għad hemm lakuni fir-rigward tar-rati ta' konformità fis-sistemi ta' ġbir u/jew ta' trattament;
4. Jissottolinja li, filwaqt li l-punt fokali ewlieni għandu jkun l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni attwali dwar is-settur tal-ilma, jeżistu nuqqasijiet speċifiċi li jeħtieġ li jiġu solvuti kemm bl-adattament tal-leġislazzjoni eżistenti mal-prijoritajiet tal-ilma, kif ukoll bil-provvista tal-leġislazzjoni l-għdida biex tindirizza l-impatt tas-setturi u l-attivitajiet speċifiċi, u li għandha titqies l-importanza tal-kooperazzjoni bejn id-diversi fornituri u partijiet oħra affettwati għall-ġestjoni sostenibbli tal-ilma;
5. Isostni li l-Kummissjoni għandha tippreżenta abbozz ta' proposta simili għal dak tad-Direttiva dwar l-għargħar, li jipprova l-adattament għall-politika tal-UE b'rabta mal-iskarsezza tal-ilma u n-nixfa, kif ukoll l-adattament għat-tibdil fil-klima;
6. Jikklassifika l-'Blueprint għall-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma tal-Ewropa' li jmiss tal-Kummissjoni bħala r-rispons tal-politika tal-UE għall-isfidi attwali u futuri dwar l-ilma, bil-għan li tkun żgurata biżżejjed disponibbiltà ta' ilma ta' kwalità tajba għal użu sostenibbli u ekwu tal-ilma sal-2050, mingħajr għalhekk, ma jinkisru d-drittijiet sovrani nazzjonali dwar l-ilma;
7. Ifakkar lill-Istati Membri fl-obbligi tagħhom skont id-WFD li jintlaħaq stat tajjeb tal-ilma sal-2015; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni determinata biex iġġib fi tmiemu l-ksur tal-liġi tal-UE mill-Istati Membri fil-qasam tal-ilma; jitlob fl-istess ħin għal aktar assistenza, pereżempju billi jiġu żviluppati u mqiegħda għad-dispożizzjoni linji gwida komprensivi u strumenti effettivi biex jitrawwem il-bini tal-kapaċità partikolarment għal awtoritajiet reġjonali u aġenziji tal-baċiri tax-xmajjar, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd u sabiex l-Istati Membri jkunu meġħjuna jiksibu konformità aħjar fl-istadji futuri tal-implimentazzjoni tal-politika tal-ilma tal-UE, sabiex iwettqu l-impenji dwar il-politika tal-ilma; jirrimarka li, f'ħafna każijiet, il-petizzjonijiet żvelaw problemi relatati mat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni xierqa tal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-ilma u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tkun aktar determinata fl-inkjesti tagħha, b' mod partikolari, meta teżamina l-petizzjonijiet;

L-Effiċjenza tal-Ilma u l-Ġestjoni tar-Riżorsi

8. Jenfasizza l-importanza tal-effiċjenza tal-ilma; jitlob użu aktar effiċjenti tal-ilma speċjalment f' setturi, bħal dawk tal-enerġija u l-agrikoltura, li huma l-akbar utenti tal-ilma;
9. Jenfasizza r-rabta bejn il-produzzjoni tal-enerġija, l-effiċjenza tal-enerġija u s-sigurtà tal-ilma; jinnota li jinħtieġu strateġiji u kunċetti addizzjonali fil-livell Ewropew, bħal pereżempju l-użu tal-ilma bħala ħażna tal-enerġija, sabiex ikun żgurat li d-domanda li dejjem tikber għall-enerġija ma tipperikolax is-sigurtà tal-ilma u li jintuża l-potenzjal għat-tnaqqis fl-użu tal-enerġija permezz tal-effiċjenza tal-ilma; jenfasizza li l-użu tal-ilma għandu jkun ikkunsidrat fil-valutazzjoni tas-sostenibbiltà ta' sorsi tal-enerġija tradizzjonali kif ukoll dawk ta' karbonju baxx, inklużi b'mod partikolari l-bijoenerġija u l-bijokarburanti, u jiġbed l-attenzjoni għar-riskji assoċjati mal-estrazzjoni tal-gass naturali mhux konvenzjonali;
10. Jenfasizza li l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-użu tal-ilma mis-settur tal-agrikoltura jistgħu jittejjbu bl-introduzzjoni ta' teknoloġiji u prattiċi innovattivi, u bit-titjib tal-informazzjoni u l-kuxjenza tal-bdiewa u l-utenti finali; jenfasizza f'dan ir-rigward, li l-kooperazzjoni bejn il-manigġers tal-art u partijiet interessati oħra hija mezz tajjeb biex jintlaħqu riżultati pożittivi fir-rigward tal-protezzjoni tal-ilma hija xierqa; jenfasizza wkoll li fir-rigward tal-isfidi tat-tibdil fil-klima u s-sigurtà tal-ikel, għandhom jiġu mmobilizzati riżorsi adegwati tal-ilma għall-agrikoltura, pereżempju billi tiġi żviluppata l-ħażna tal-ilma; jinnota li l-maġġorparti tal-ilma tintuża mis-settur agrikolu u jenfasizza l-importanza tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-ilma fir-riforma attwali tal-PAK;
11. Jemmen li d-domanda li dejjem qed tikber tal-ilma teħtieġ investment urġenti fl-irrigazzjoni u jistieden lill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-użu ta' soluzzjonijiet biex tindirizza l-iskarsezza tal-ilma ġieri bħall-iċċarġjar artifiċjali tal-akwiferi, l-irkupru tal-ilma u l-iżvilupp ta' tekniki alternattivi għall-irrigazzjoni; fl-istess ħin, jenfasizza l-importanza tat-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġiji relatati ma' dawk it-tekniki, kif ukoll il-konservazzjoni tal-ilma, l-estrazzjoni tal-ilma, il-ġestjoni tal-ilma ta' taħt l-art u t-trattament tal-ilma mormi;
12. Jenfasizza li l-formazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art hija għolja ħafna taħt uċuħ agrikoli u tal-foresti u li s'issa, l-agrikoltura u l-forestrija għandhom responsabbiltà speċjali biex jiġi kkontrollat it-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art li hu ta' kwalità għolja; jirrikonoxxi l-isforzi preċedenti tal-bdiewa biex titjeb il-kwalità tal-ilma';
13. Jenfasizza li politika ta' ġestjoni dwar is-sanità tal-ilma u l-iskart tal-ilma ambjentalment u ekonomikament b'saħħitha għandha tindirizza t-tniġġis mis-sors qabel ma tgħaddi s-sustanzi li jniġġsu kollha minn trattament fil-punt tar-rimi li jkun jiswa ħafna, partikolarment rigward l-ilma li jgħaddi minn ħamrija kkontanimata; jinkoraġġixxi l-użu tal-ilma mormi u l-prodotti sekondarji tat-trattament fil-punt tar-rimi, bħala riżors ġdid abbażi ta' rekwiżiti ta' kwalità stretti; jinnota li l-ilma mormi huwa sors tal-enerġija permezz tal-irkupru tas-sħana jew l-irkupru tal-enerġija mill-materjal organiku li jittrasporta, u li hemm bżonn tiġi żviluppata din l-opportunità;
14. Jitlob biex il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma tkun aġġornata biex tqis b'mod xieraq l-

avvanzi teknoloġiċi għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-ilma, biex tippermetti l-użu mill-ġdid ekonomiku u effiċjenti tal-ilma mormi li għe trattat għat-tisqija u l-industrija, kif ukoll l-użu mill-ġdid tal-ilma tal-ħasil fid-djar; jitlob għal miżuri għall-monitoraġġ xieraq tal-kwalità kimika u bijoloġika tal-ilma riċiklat; jistieden lill-Kummissjoni biex tistudja metodi għall-ħolqien ta' inċentivi għal użu iktar ġeneralizzat tal-ilma mormi trattat, l-ilma tal-ħasil u l-ilma tax-xita, bil-għan li jgħin sabiex titnaqqas l-iskarsezza tal-ilma;

15. Jenfasizza li t-tnaqqis tal-konsum tal-ilma għandu jingħata prijorità; jissottolinja l-importanza tal-ekodisinn u tal-apparati li jiffrankaw l-ilma u jitlob li l-kejl tal-ilma jsir vinkolanti fis-setturi kollha u l-utenti fil-pajjiżi kollha tal-UE; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni biex tirregola l-effiċjenza tal-ilma ta' apparat għall-użu domestiku u agrikolu;
16. Ifakkar li fl-UE jintilef madwar 20% tal-ilma minħabba l-ineffiċjenza, għalhekk it-titjib tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi tal-ilma huwa essenzjali għas-sostenibbiltà tal-ġestjoni tal-ilma u b'mod partikolari sabiex jiġu indirizzati l-problemi tal-iskarsezza tal-ilma u ż-żminijiet ta' nixfa; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġi verifikat l-istat tan-netwerk Ewropew tal-ilma f'termini ta' kwalità tal-ilma, id-danni u l-interkonnettività, bil-possibbiltà li sa 70% tal-ilma fil-bliet Ewropej jista' jintilef minħabba tnixxijiet fis-sistema tal-ilma, u li jiġi promoss l-investiment tal-infrastruttura;

L-Ilma u l-Ekosistemi

17. Jinnota li l-ilma huwa fil-qalba tal-biċċa l-kbira tas-servizzi tal-ekosistema u jenfasizza l-importanza ta' ġestjoni xierqa tal-ilma sabiex jintlaħqu l-miri tal-bijodiversità; jenfasizza l-ħtieġa għar-riforestazzjoni u miżuri ta' restawr tal-artijiet mistagħdra fil-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma; jitlob għal allinjament aħjar tal-oġettivi tad-WFD man-Natura 2000; jenfasizza li l-bażi tal-għarfien għandha tintegra l-kunċett ta' 'flussi ambjentali' u tqis is-servizzi tal-ekosistema sostnuti mill-ilma; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi kkunsidrat il-fatt li l-bidliet fiċ-ċiklu tal-ilma jiddependu fuq il-ħabitat u li dan jinfluwenza l-persentaġġ tal-ilma li jiġi rriċiklat: iċ-ċiklu tal-ilma mhux iktar li jistess kullimkien u jeżistu differenzi bejn iċ-ċikli fit-tropiċi, tal-Mediterran u tal-latitudnijiet medji u għoljin.
18. Jenfasizza li l-ilma huwa partikolarment vulnerabbli għall-effetti tat-tibdil fil-klima, u dan jista' jwassal għal tnaqqis fil-kwantità u l-kwalità tal-ilma disponibbli, partikolarment tal-ilma tax-xorb, kif ukoll għal żieda fil-frekwenza u l-intensità tal-għargħar u taż-żminijiet ta' nixfa; jitlob biex il-politiki ta' mitigazzjoni u ta' adattament tat-tibdil fil-klima jqisu kif jixraq l-impatt fuq ir-riżorsi tal-ilma; jissottolinja l-importanza ta' strateġiji ta' prevenzjoni tar-riskju, ta' mitigazzjoni u ta' rispons bil-għan li jiġu evitati fenomeni estremi relatati mal-ilma;
19. Jenfasizza l-impatti li t-tibdil fil-klima jista' jkollu fuq is-sistema ekoloġika relatata mal-ilma, fejn ikunu meħtieġa miżuri strinġenti u sistematiki li jkollhom l-għan tal-konservazzjoni tan-natura u l-bijodiversità u li jobbligaw li jiġu introdotti regolamenti li jqisu aktar il-ġestjoni ta' mases ta' ilma trasformati, speċjalment għall-ġestjoni ta' lagi artifiċjali u sistemi tal-ilma trasformati;
20. Jinnota li xi pajjiżi oħra ma jbatux minn nuqqas ta' ilma iżda qed ikollhom diffikultà biex iġestu l-eċċess tal-ilma li jirriżulta minn xita regolari jew qawwija, mill-għargħar, mill-

erożjoni tax-xmajjar u mit-tniġġis li jaffettwaw iż-żoni tal-baċiri tax-xmajjar u dawk kostali, kif ukoll l-effetti ta' dawn il-fenomeni fuq il-popolazzjoni lokali, kif jintwera mill-ħafna petizzjonijiet li waslu; jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq analiżi adegwata tal-modi ta' preferenzjoni tal-effetti tal-għargħar, minħabba ż-żieda fir-riskju li jista' jkun innostat ta' għargħar fl-Istati Membri f' dawn l-aħħar snin;

21. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jippromwovu r-riintroduzzjoni ta' attivitajiet agrikoli li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent f' postijiet fil-muntanji bl-iskop li tiġi miġġielda l-instabilità idroġeoloġika u tiġi promossa r-regolamentazzjoni tal-ilma u li jiddaħħlu mill-ġdid il-prattiki t-tajbin tat-twertiq ta' gandotti, drejns u imbankmenti tax-xmajjar, li jippermettu, f'każ ta' xita żejda, li jittaffa l-impatt negattiv f' qiegħ il-wied, kif ukoll f'każ ta' nixfa, jiggarrantixxu riżorsi ta' ilma maħżun li jista' jintuża wkoll fil-ġlieda kontra n-nirien tal-boskijiet;
22. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali li għandhom l-akwiferi ta' taħt l-art fiċ-ċiklu tal-ilma u f' numru ta' kwistjonijiet ewlenin inkluż it-tniġġis tal-ilma, l-iskemi ta' mitigazzjoni tal-għargħar, l-intrużjoni tal-melħ u l-kollass tal-art minħabba tnaqqis fit-tul tal-ilma ta' taħt l-art; jitlob lill-Kummissjoni biex tqiegħed biżżejjed enfasi fuq l-importanza ta' ġestjoni sostenibbli tal-akwiferi ta' taħt l-art;
23. Rigward ir-riskji sinifikanti kemm għall-ilma tal-wiċċ kif ukoll għal dak tal-art ikkawżati mill-esplorazzjoni u l-estrazzjoni tal-gass "shale", jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li tali attivitajiet jkunu koperti mid-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex toħroġ gwida malajr dwar il-ġbir ta' data ta' referenza tal-monitoraġġ tal-ilma li għandha tinkiseb qabel kwalunkwe 'fracking' - kemm esploratorju kif ukoll esplojtattiv u l-kriterji li għandhom jintużaw għall-valutazzjoni tal-impatt tal-'fracking' f' formazzjonijiet ġeoloġiċi differenti, inkluża tnixxija potenzjali, f'riżervi tal-ilma ta' taħt l-art;
24. Ifakkar li l-protezzjoni tal-ħamrija hija element ewlieni għall-preservazzjoni tal-kwalità tal-ilma; jinnota li r-raġunijiet u l-konsegwenzi tad-degradazzjoni tal-ħamrija huma qabel xejn ikkundizzjonati fuq livell lokali u reġjonali u li għalhekk, il-prinċipju ta' sussidjarjetà għandu jiġi mħares; jistieden lill-Istati Membri kollha biex iwettqu l-obbligu tagħhom li jiżguraw il-kwalità tal-ħamrija u jżommu l-ħamrija f' kundizzjoni tajba, u jħeġġeġ lill-Istati Membri, li m'għandhomx dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-ħamrija, biex jerfġu r-responsabilitajiet tagħhom;
25. Jinnota li l-ġestjoni integrata tar-riżorsi tal-ilma u l-ippjanar tal-art fil-livell tal-baċiri tax-xmajjar għandha tqis l-attivitajiet ekonomiċi li jiddependu fuq l-ilma u l-ħtiġijiet tal-ilma għall-utenti kollha, kif ukoll il-bżonn ta' approċċ olistiku għall-iskarsezza tal-ilma, u għandha tiżgura s-sostenibbiltà tal-attivitajiet tal-bniedem fuq l-ilma;
26. Jemmen li l-ilma mormi minn riżorsi urbani jħalli effetti sinifikanti ta' tniġġis fuq l-ambjent akwatiku, fuq ix-xmajjar u fuq il-kosta, u li l-implimentazzjoni b' suċċess tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi se jkollha influwenza sinifikanti fuq il-kwalità tal-ilma fl-Istati Membri kollha, u għalhekk fuq l-implimentazzjoni b' suċċess tad-WFD;
27. Jiġbed l-attenzjoni għall-impatt serju li dan it-tniġġis jista' jkollu fuq is-saħħa tal-bniedem

kif jixhdu l-petizzjonijiet li waslu mill-Irlanda (Galway), minn Franza (Brittany), u minn Stati Membri oħra; ifakkar fir-risoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2012 dwar il-kwestjonijiet imqajma mill-petizzjonanti fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Ġestjoni tal-Iskart, u ta' Direttivi relatati oħra, fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, li ġibdu l-attenzjoni għal-livelli perikolużi tal-kontaminazzjoni fl-ilma li tirriżulta minn miżbljet u barrieri ġestiti b'mod ħażin jew li huma illegali li wasslu għall-infiltrazzjoni u t-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art u tal-ilma tal-pjan (nappes phréatiques);

28. Jiġbed l-attenzjoni dwar fatturi negattivi denunzjati mill-petizzjonanti – inklużi l-miżbljet, in-nuqqas tal-awtoritajiet kompetenti li jikkontrollaw il-kwalità tal-ilma, il-prattiki agrikoli u industrijali irregolari jew illegali, l-iżvilupp urban u dak relatat mal-enerġija, l-agrikoltura u l-industrija – li għandhom impatt fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem u huma responsabbli għall-kwalità fqira tal-ilma; jitlob, għalhekk, li jiġu stabbiliti inċentivi aktar speċifiċi għall-ġestjoni effiċjenti tal-ilma – b'mod partikolari għall-popolazzjonijiet fqar u rurali – u għall-aċċess għall-ilma għal kulħadd, u għad-distribuzzjoni tal-ilma f'żoni li jiffaċċjaw skarsezza tal-ilma, b'mod partikolari dawk iż-żoni li qegħdin 'il bogħod minn agglomerazzjonijiet urbani kbar mgħammra b'infrastruttura għall-ilma;
29. Iqis li l-arrikkiment tan-nutrijenti hu wieħed minn għadd ta' fatturi responsabbli għat-tniġġis tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ, li b'hekk jaffettwa l-bijodiversità u jnaqqas servizzi siewja tal-ekosistema; jirrikonoxxi li l-kundizzjonijiet tan-nutrijenti investigati possibilmment jistgħu jimpedixxu, għal aktar minn nofs il-każi, l-isforz biex jintlaħaq 'stat tajjeb' fil-korpi tal-ilma tal-wiċċ sal-2015;
30. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex iżżid l-isforzi tagħha fil-ġlieda kontra ż-żieda fir-rilaxx fl-ilma ta' sustanzi li jniġġsu bħal residwi ta' antibijotiċi, mediċini kif ukoll residwi tal-ormoni mill-pilloli ta' kontra l-konċepiment, minħabba li dawn ir-residwi għandhom effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent;

L-Għarfien u l-Innovazzjoni

31. Jirrikonoxxi li l-qafas tal-politika tal-UE ppermetta l-ġbir ta' data inqas frammentata dwar l-ilma kif ukoll monitoraġġ aħjar; jinnota madankollu n-nuqqas ta' data affidabbli dwar il-kwantità tal-ilma, pereżempju dwar l-estrazzjoni u t-tnixxija ta' ilma; jinnota l-potenzjal għall-immaniġġjar aħjar tad-data, ibbażat fuq it-titjib fl-informazzjoni tal-istatistika u l-użu ta' stazzjonijiet ta' ġbir tad-data, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa (WISE) u l-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES) għall-monitoraġġ tal-istat tar-riżorsi tal-ilma u l-perssonijiet li qed tħalli fuqhom l-attività ekonomika; jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, biex tiżviluppa sett ġdid ta' indikaturi affidabbli dwar kontinjuet tal-ilma; jissottolinja li l-bażi tal-għarfien għandha tintegra l-kunċett ta' 'flussi ambjentali' u tqis is-servizzi tal-ekosistema sostnuti mill-ilma u l-konnessjonijiet bejn il-klima, it-territorju u r-riżorsi tal-ilma ta' taħt l-art provduti miċ-ċiklu tal-ilma;
32. Jenfasizza l-ħtieġa ta' konċentrazzjoni fuq l-oġġettivi speċifiċi u l-attivitajiet tal-programm Orizzont 2020 f'termini tal-immaniġġjar aħjar u sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma u tal-ambjenti akkwatiċi fl-UE u fil-pajjiżi viċin; jemmen li l-politika ta' riċerka tal-UE għandha ttrrispondi għall-isfidi dejjem jikbru dwar l-immaniġġjar tal-ilma għall-

agrikoltura, il-bini, l-industrija, id-djar u l-ambizzjonijiet tal-effiċjenza fl-użu tal-ilma; jinnota, f'dan ir-rigward, il-programm BONUS għall-Baħar Baltiku bħala eżempju għal reġjuni oħrajn;

33. Jemmen li huwa importanti li jiġu promossi r-riċerka u l-innovazzjoni fuq it-tema tal-ilma u li għandu jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' raggruppamenti Ewropej f'dan il-qasam; jistieden lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u partijiet interessati oħra rilevanti biex jappoġġaw is-Sħubija għall-Innovazzjoni Ewropea dwar l-Ilma bħala strument effettiv biex l-isforzi jkunu kkonċentrati fuq l-aqwa riċerka u innovazzjoni fid-dinja u biex jitneħħew l-ostakli li jfixklu t-trasferiment mgħaġġel u l-integrazzjoni tal-għarfien, tal-aħjar tekniki disponibbli u tal-avvanzi teknoloġiċi fis-suq, kif ukoll biex jipromwovu l-iżvilupp tas-suq intern għat-teknoloġija tal-ilma; jenfasizza l-importanza ta' innovazzjonijiet ekoloġiċi għall-preservazzjoni tas-sorsi tal-ilma, id-diversità bijoloġika u l-ekosistemi bilanċjati; Jirrimarka l-potenzjal tal-ħolqien ta' 'impjiegi sostenibbli', politika tal-ilma abbażi tal-innovazzjoni u tal-għarfien, il-ġestjoni aħjar tal-ilma u t-titjib fl-effiċjenza tal-ilma; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tivvaluta u tikkwantifika l-impatt fuq l-impjiegi fil-ħidma tagħha sabiex tippromwovi l-R&D fil-qasam tal-ilma;

L-Integrazzjoni tal-Ilma

34. Jenfasizza l-ħtieġa għal konsistenza aħjar u integrazzjoni aħjar tal-oġġettivi relatati mal-ilma u tal-aġenda dwar l-effiċjenza tar-riżorsi, li tinkludi oġġettivi kruċjali tal-effiċjenza tal-ilma, fil-leġiżlazzjoni fil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali; jitlob biex fit-tfassil tal-politiki ġenerali tal-governanza ekonomika bħall-UE2020 u tal-politiki konġunti tal-UE, bħall-oqsfa tal-politika agrikola komuni u tal-politika tal-koeżjoni tiġi kkunsidrata evalwazzjoni sħiħa tal-effetti fuq ir-riżorsi tal-ilma, sabiex tinkiseb konċentrazzjoni tematika tal-fondi disponibbli dwar il-kwistjonijiet tal-ilma u sabiex il-kwistjoni tal-ilma tkun integrata fl-oqsma tal-politika kollha, bil-għan li titjeb il-kwalità tal-ilma fir-reġjuni Ewropej kollha;
35. Jinnota li l-istrateġija finanzjarja l-ġdida tal-UE dwar il-fondi ta' koeżjoni għandha tqis b'mod aktar wiesa' mill-passat l-investimenti fl-infrastruttura idroteknika;
36. Jinnota li n-normi li japplikaw għall-bdiewa huma diġà għoljin u mmonitorjati mill-qrib; jitlob għat-tisħiħ tal-kundizzjonalità ekoloġika fil-PAK abbażi tal-obbligi eżistenti;

L-Ilma u l-Ekonomija

37. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipji ta' 'min iniegges iħallas' u 'min juża jħallas' permezz ta' skemi trasparenti u effettivi ta' pprezzar implimentati fl-ilma kollu permezz ta' setturi li jimmiraw għal irkupru sħiħ tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma, inklużi l-ispejjeż ambjentali u tar-riżorsi, kif stipulati fid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma; jissottolinja madankollu li l-kwistjonijiet soċjali għandhom jiġu kkunsidrati fl-istabbiliment tat-tariffi tal-ilma u li l-ilma nadif għandu jkun disponibbli bi prezz raġonevoli għall-bżonnijiet tal-bniedem; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jivvalutaw u jirrevedu s-sussidji li huma ta' dannu għall-ilma u jiżviluppaw u jintroduċu aktar strumenti ekonomiċi biex inaqqsu l-attività li tagħmel ħsara lill-ambjent u biex jinċentivaw użu aktar sostenibbli tar-riżorsi tal-

ilma; jenfasizza li l-ipprezzar tal-ilma għandu jirrifletti l-impatt ambjentali tat-trattament tal-ilma mormi; jinnota li minkejja li hemm rieda politika, il-kriżi ekonomika u t-tnaqqis fin-nefqa pubblika qegħdin jagħmluha diffiċli għall-awtoritajiet lokali u reġjonali li jiffinanzjaw proġetti għat-trattament tal-ilma tal-ħasil, għalhekk jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiżgura finanzjament xieraq għall-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija biex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni, li jinħolqu minħabba l-konsum tal-ilma, it-tniġġis tal-ilma u t-trattament tal-ilma mormi;

38. Jemmen li d-djar sekondarji jirċievu l-istess disponibbiltà tar-riżorsi tal-ilma bħar-residenzi prinċipali u li l-kontribut għall-finanzjament tagħhom għandu tal-anqas ikun daqs;
39. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jisfruttaw il-possibilitajiet offruti mill-Fondi Strutturali, il-Fondi ta' Koeżjoni u l-Fond għall-Iżvilupp Rurali u sabiex jinvestu fit-titjib u t-tiġdid tal-infrastrutturi u t-teknoloġiji eżistenti sabiex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi tal-ilma;
40. Iqis li l-ġestjoni tad-domanda hija essenzjali għall-indirizzar tal-iskarsezza tal-ilma u jitlob pjanijiet tal-ġestjoni tad-domanda tal-ilma għal kundizzjoni għal għoti ta' appoġġ tal-fond struttural u ta' koeżjoni tal-UE lis-settur tal-ilma jew lil attivitajiet li jużaw l-ilma, kif ukoll li l-Istati Membri jeħtieġu valutazzjonijiet tas-sostenibbiltà tal-ilma bħala kundizzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi li jużaw l-ilma bħat-turiżmu tal-massa jew tipi partikolari ta' agrikoltura;
41. Jitlob lill-Kummissjoni biex thegġegħ lill-impriżi biex jużaw materjali li jaħlu inqas ilma, permezz ta' għajjnuna għar-R&Ż u permezz tal-fondi strutturali fiż-żoni fejn ir-riżorsi jkunu l-inqas disponibbli;
42. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, sabiex ifasslu miżuri amministrattivi u jfittxu riżorsi finanzjarji sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għas-sistemi tad-drenaġġ għall-popolazzjoni li tgħix f'żona rurali;
43. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jadottaw mingħajr dewmien pjanijiet konkreti għall-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji kollha li jagħmlu ħsara lill-ambjent qabel l-2020 u biex jirrapurtaw dwar il-progress permezz tal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali;

L-Ilma u s-Soċjetà

44. Ihegġegħ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali jstimolaw id-djalogu intersettorjali kif ukoll id-djalogu bejn l-atturi ekonomiċi differenti u ċ-ċittadini dwar il-kwistjonijiet marbuta mal-ilma u bejn l-awtoritajiet u l-Kumitat tal-Petizzjonijiet kull meta dan tal-aħħar jindirizza t-tħassib taċ-ċittadini Ewropej rigward il-kwistjonijiet tal-ilma, u biex irawmu l-parteċipazzjoni sħiħa u trasparenti tal-komunitajiet lokali u l-partijiet interessati fil-livelli kollha fl-iżvilupp tal-politika dwar l-ilma; jenfasizza l-importanza ta' governanza effettiva fuq bosta livelli li ssolvi l-problema tal-ilma li tikkunsidra l-ħtieġa tal-ġestjoni tal-ilma integrata fil-kampanja madwar il-baċiri tax-xmajjar u trawwem l-iskambju tal-aħjar prattiki;

45. Jinsisti li biex politika dwar l-immaniġġjar tal-ilma tkun effettiva, din għandha tiġi implimentata qrib ir-riżorsi; jitlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra ż-żoni bi żvantaġġi naturali bħaż-żoni muntanjużi, il-gżejjer u r-reġjuni l-iktar imbiegħda;
46. Jitlob għat-tishiġ tal-kuxjenza u l-informazzjoni tal-pubbliku dwar il-kwistjonijiet tal-ilma, sabiex ikun hemm għarfien aħjar tar-rabtiet bejn l-ilma, l-ekosistemi, is-sanità, l-igijene, is-saħħa, is-sikurezza tal-ikel, is-sigurtà tal-ikel u l-prevenzjoni tad-diżastri fost il-konsumaturi, l-operaturi tas-saħħa u dawk li jfasslu l-politika u jieħdu d-deċiżjonijiet; jenfasizza r-rwol primarju tal-awtoritajiet reġjonali u lokali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-kampanji tal-ħolqien ta' kuxjenza u fl-attivitajiet edukattivi; jinsisti li dawn il-programmi li jaqjmu kuxjenza fil-komunità għandhom ikunu diretti lejn iċ-ċittadini ta' kull età, sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu aħjar u b'mod aktar effiċjenti minn dan il-għid pubbliku vitali;
47. Jenfasizza, li l-ilma u l-ekosistemi tiegħu m'għandhom l-ebda limiti amministrattivi, u li konsegwentement il-miżuri kollha għall-ħarsien u l-konservazzjoni tal-valur tagħhom għandhom jiġu implimentati b'mod uniformi u koordinat, preferibbilment minn awtoritajiet kompetenti b'setgħat għall-baċir tax-xmara kollu;
48. Itenni li d-WFD tippreskrivi koordinazzjoni bejn l-Istati Membri biex jikkondividu l-baċir komuni tax-xmara fejn l-użu tal-ilma jista' jkollu effetti transkonfinali, u jħeġġeġ lill-Istati Membri kkonċernati biex jidħlu f'komunikazzjoni u f'kooperazzjoni transkonfinali regolari sabiex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tad-WFD fir-rigward tat-tniġġis ikkawżat minn sustanzi ta' prijorità, minn sustanzi ta' prijorità perikolużi u minn nutrijenti;
49. Jinnota li l-kwalità tal-ilma għandha impatt fuq it-turiżmu; jitlob li s-sistema tal-Bandiera Blu tiġi estiża għaż-żoni kollha tal-għawm fl-Ewropa, inklużi x-xmajjar, il-lagi u l-għadajjar;
50. Jenfasizza li l-kunċett tat-turiżmu sostenibbli jinkudi l-konservazzjoni tar-riżorsi tal-ilma; jitlob li jiġi pprovdut it-taħriġ dwar l-iffrankar u l-użu sostenibbli tal-ilma fost il-professjonisti tat-turiżmu, speċjalment fiż-żoni kostali u fiż-żoni termali;
51. Jenfasizza l-importanza li jiġu introdotti sistemi tal-ilma tajbin fil-bini u ż-żoni pubbliċi li jgħinu jnaqqsu l-ħtieġa għall-ilma fil-fliexken;
52. Jinnota li mill-1988, fost il-petizzjonijiet relatati ma' lmenti dwar l-ambjent indirizzati lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, 601 minn dawn il-petizzjonijiet (Spanja 166, ir-Renju Unit 129, il-Ġermanja 97, l-Italja 60, Franza 55, il-Greċja 34, l-Olanda 16, il-Portugall 16, l-Irlanda 12, il-Polonja 4, ir-Rumanija 4, il-Finlandja 3, il-Bulgarija 2, l-Ungerija 2 u s-Slovenja 1), xi drabi koiffirmati minn diversi firmatarji (ara petizzjoni 0784/2007, koiffirmata minn 2036 firmatarju), jirrigwardaw il-kwalità u l-kwantità tal-ilma fl-Istati Membri; jirrikonoxxi li dawn il-petizzjonijiet huma prova li l-ilma huwa problema ferm serja għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea;
53. Jinnota li skont sħarriġ tal-Ewrobarometru ta' Marzu 2012, 68 % tal-Ewropej jaħsbu li l-problemi dwar il-kwantità u l-kwalità tal-ilma huma serji, 80 % jemmnu li t-tniġġis kimiku huwa theddida għall-ambjent tal-ilma, 62 % jħossu li mhumiex infurmati biżżejjed dwar il-problemi li jistgħu jaffettwaw l-ilma ta' taħt l-art, il-lagi, ix-xmajjar u l-ilmijiet

kostali ta' pajjiżhom, 67 % jaħsbu li l-iktar mod effettiv biex jiġu ttrattati l-problemi dwar l-ilma huwa żieda fil-kuxjenza dwar il-problemi relatati mal-ilma, u 73 % jaħsbu li l-UE għandha tipproponi miżuri addizzjonali biex jiġu indirizzati l-problemi dwar l-ilma fl-Ewropa;

L-Ilma u d-Dinja

54. Jilqa' l-fatt li ntlaħaq kmieni l-Għan ta' Żvilupp tal-Millennju (MDG) tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-ilma għax-xorb sikur; jitlob lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti fil-livelli kollha biex jinfurzaw l-impenn tagħhom li jieħdu rwol attiv fl-akkwist tal-MDG dwar is-sanità bażika u biex iqisu r-riżultati rilevanti tal-Konferenza Rio+20 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, li tiżgura li l-aċċess għall-ilma tax-xorb u s-sanità jkunu garantiti bħala dritt fundamentali tal-bniedem li huwa essenzjali għat-tgawdija sħiħa tal-ħajja, skont it-termini adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2010;
55. Jilqa' l-parteciġazzjoni attiva tal-Unjoni Ewropea fis-Sitt Forum Dinji dwar l-Ilma li ġie organizzat bejn it-12 u s-17 ta' Marzu 2012, f'Marsilja; jistieden lill-Unjoni Ewropea biex tkompli timpenja ruħha sabiex jitjieb l-aċċess għall-ilma fid-dinja, partikolarment bi ttejjija għas-Seba' Forum Dinji dwar l-Ilma li ser jiġi organizzat fil-Korea t'Isfel fl-2015;
56. Jinnota li l-UE għandha livell għoli ħafna ta' kompetenza fl-ilma li għandha tiġi utilizzata fil-prattika sabiex jinkiseb l-MDG fuq is-sanità bażika u fuq għanijiet oħra ta' żvilupp sostenibbli relatati mal-ilma; jistieden lill-Kummissjoni tiegħu ħsieb li pajjiżi terzi japplikaw prattiċi tajbin fl-użu tal-ilma tax-xita miġbur u li l-ilma mormi jintuża ripetutament mill-ġdid u biex b'hekk titnaqqas l-iskarsezza tal-ilma, speċjalment f'perjodi ta' nixfa; jinkoraġġixxi li tiżdied il-kooperazzjoni f'dawn l-oqsma mal-pajjiżi terzi l-aktar avvanzati teknoloġikament f'termini tal-użu tar-riżorsi tal-ilma;
57. Jemmen li l-ambizzjonijiet internazzjonali għandhom jiżdiedu sabiex jinkiseb użu sostenibbli tal-ilma permezz ta' ġestjoni integrata tar-riżorsi tal-ilma u żieda fl-effiċjenza tar-riżorsi;
58. Jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet lokali biex jiddedikaw proporzjon tat-taxxi miġburin mill-utenti għall-forniment tas-servizzi tal-ilma u tas-sanità għal miżuri ta' kooperazzjoni deċentralizzati; b'hekk jiġbed l-attenzjoni, bħala eżempju ta' promozzjoni u ta' implimentazzjoni, għall-prinċipju tal-"1% solidarjetà għall-ilma", adottat minn uħud mill-Istati Membri;
59. Jitlob lill-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, u lill-Istati Membri sabiex jaderixxu mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1997 dwar il-moġhdijiet tal-ilma internazzjonali u sabiex jippromwovu wkoll id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Konvenzjoni ta' Helsinki tal-1992 dwar il-protezzjoni u l-użu tal-moġhdijiet tal-ilma transkonfinali u l-lagi internazzjonali, li jippermettu l-estensjoni tal-ambitu ta' dan l-istrument lil hinn mill-uniċi pajjiżi tal-UNECE, kif ukoll biex jinkoraġġixxu r-ratifika aktar wiesgħa tal-protokoll dwar l-ilma u s-saħħa ta' Helsinki tal-1992 bil-għan li tiġi promossa ġestjoni koordinata u ġusta tal-ilma fil-baċiri nazzjonali u transnazzjonali;

o
o o

60. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

L-ilma huwa essenzjali għall-ħajja. Il-ġestjoni sostenibbli tiegħu hija essenzjali biex ikun żgurat li l-ekosistemi kollha jirċievu kwantità biżżejjed ta' ilma ta' kwalità tajba biex jiffunzjonaw kif suppost u jipprovdu servizzi essenzjali lis-sigurtà u s-sikurezza tal-ikel, lis-saħħa tagħna, lis-soċjetà u lill-ekonomija tagħna; l-ilma huwa diskutibilment l-aktar importanti mill-beni pubbliċi kollha.

Madankollu, ir-riżorsi tal-ilma ħelu tal-Ewropa u tad-dinja jkunu fir-riskju jekk jiġu ġestiti lil hinn mil-limiti tas-sostenibbiltà; l-urbanizzazzjoni, it-tkabbir tal-popolazzjoni, il-konsum eċċessiv, it-tniġġis bijoloġiku u kimiku, l-alterazzjonijiet idromorfoloġiċi u t-tibdil fil-klima jagħmlu pressjoni li dejjem tiżdied fuq id-disponibbiltà u l-kwalità ta' ilma sikur u mingħajr periklu. It-tkabbir ekonomiku tal-futur ma jistax jiġi sostnut sakemm ma jiġix diżakkoppjat mill-impatti ambjentali negattivi fuq l-ilma.

Kif aħna sejr in fl-Unjoni Ewropea? Il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-ilma tipprovdi qafas robust għal ġestjoni sostenibbli u effiċjenti tal-ilma: b' mod partikolari, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD), adottata fl-2000, tista' tiġi kkunsidrata kisba importanti fil-politika Ewropea dwar l-ilma. Permezz ta' approċċ integrat li jiffoka fuq il-ġestjoni tal-ilma fil-livell tal-baċiri tax-xmajjar, id-Direttiva testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tal-ilma għall-ilma tal-wiċċ kollu u l-ilma ta' taħt l-art u tistabbilixxi mira għas-sostenibbiltà f' termini tal- 'istat tajjeb' ekoloġiku, kimiku u kwantitattiv li jrid jintlaħaq mill-korpi tal-ilma Ewropej sal-2015.

Madankollu, ir-rata tal-implimentazzjoni tad-WFD kienet baxxa fost il-pajjiżi u r-reġjuni Ewropej, b'riżultati differerenti ħafna, u issa qiegħed jidher ċar li numru sinifikanti ta' korpi tal-ilma tal-UE mhumiex se jilħqu 'stat tajjeb' sal-2015, minħabba sfidi li ilhom jeżistu, kif ukoll sfidi emerġenti.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni nidiet diversi valutazzjonijiet tas-sitwazzjoni tal-ilma fl-UE: il-proċess se jirriżulta fi 'Blueprint għall-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma tal-Ewropa' li se jkun ippubblikat f'Novembru 2012. Il-Blueprint jaspira li jkun ir-rispons tal-politika tal-UE għall-isfidi attwali u futuri dwar l-ilma, bil-għan li tkun żgurata disponibbiltà biżżejjed ta' ilma ta' kwalità tajba għall-użu sostenibbli u ġust tiegħu. Il-Blueprint se jkun il-kisba importanti dwar l-ilma fuq il-Pjan Direzzjonali dwar l-Effiċjenza tar-Riżorsi fil-qafas tal-istrateġija Ewropa 2020, iżda se jmxxi l-politika fit-tul sal-2050.

Ir-Rapporteur japprezza l-inizjattiva tal-Kummissjoni u jemmen li l-Parlament Ewropew għandu jagħti kontribut fundamentali għall-proċess li jwassal għall-istabbiliment tad-direzzjoni futura tal-politika Ewropea dwar l-Ilma permezz tal-Blueprint. L-aktar triq 'il quddiem effettiva hija l-iffukar fuq l-implimentazzjoni, għaldaqstant dan ir-rapport janalizza l-istat attwali tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma fl-Istati Membri, u jenfasizza s-suċċessi tagħha kif ukoll l-isfidi ewlenin li għandhom jingħelbu sabiex tittejjeb. Jidentifika wkoll nuqqasijiet importanti fil-politika li jeħtieġ li jkunu solvuti mil-leġiżlazzjoni l-ġdida.

Il-punti li ġejjin jiġbru fil-qosor is-sejbiet ewlenin ta' dan ir-rapport.

– *Enfasi partikolari għandha titqiegħed fuq id-dimensjoni reġjonali.* L-Ewropa kollha

kemm hi testratta madwar 13% biss tat-total ta' ilma disponibbli tagħha, iżda d-distribuzzjoni ġeografika tar-riżorsi hija inugwali u ħafna pajjiżi u reġjuni Ewropej huma soġġetti għal skarsezza kbira ta' ilma; Ma jistax ikun hemm soluzzjoni waħda li tgħodd għal kulħadd: id-dimensjoni reġjonali u lokali għandha tissaħħaħ, il-partijiet interessati u l-komunitajiet lokali għandhom ikunu involuti fi proċess parteċipatorju fl-istadji kollha tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika, u l-Kummissjoni għandha trawwem il-bini tal-kapaċità u tfassal linji gwida ċari għall-implimentazzjoni.

- *Tinħtieġ dejta affidabbli, b'mod partikolari dwar il-kwantità tal-ilma.* Filwaqt li l-frammentazzjoni tad-dejta disponibbli, b'mod partikolari dwar il-kwalità tal-ilma, naqset grazzi għall-politika attwali, xorta baqa' nuqqas qawwi ta' għarfien dwar id-disponibbiltà tal-ilma. Huwa tal-akbar importanza li jkun stabbilit kemm jidħol u joħroġ ilma mill-baċiri tax-xmajjar u kemm jiġi estratt minn kull settur u li tkun imsaħħa s-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa (WISE). Jeħtieġ li jiġu żviluppatti indikaturi ewlenin ġodda: dawn għandhom iqisu s-servizzi tal-ekosistema sostnuti mill-ilma u jintużaw biex jiġu stabbiliti miri li jistgħu jitkejlu, b'mod partikolari għall-effiċjenza tal-ilma.
- *Il-kwistjoni tal-ilma għandha tiġi 'integrata' fl-oqsma kollha tal-politika.* Sabiex tinkiseb 'ekonomija ekoloġika' li taħdem, hemm il-ħtieġa għal 'blueing' tal-oqsma kollha tal-politika: objettivi relatati mal-ilma għandhom jiġu integrati fil-livelli kollha tal-leġislazzjoni fil-livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali. Barra minn hekk, huwa importanti li jkun hemm tħabrik għal allinjament u armonizzazzjoni aħjar tal-istrumenti leġislattivi varji, pereżempju billi jitneħħew l-inkonsistenzi eżistenti bejn id-WFD, id-Direttiva dwar in-Nitrati, ir-Regolament REACH kif ukoll in-Natura 2000.
- *Il-protezzjoni tal-ilma teħtieġ approċċ olistiku.* Il-ħarsien tar-riżorsi tal-ilma, b'referenza partikolari għall-ilma tax-xorb, jeħtieġ li tiġi indirizzata minn perspettiva globali, billi jiġu kkunsidrati s-servizzi kollha tal-ekosistema sostnuti mill-ilma. Huwa ta' importanza fundamentali li t-tniġġis ikun ikkontrollat mis-sors, sabiex sustanzi perikolużi ma jitħallewx jidħlu fl-ambjent u sabiex jitnaqqas il-piż fuq it-trattament tal-iskart tal-ilma. Il-politiki ta' mitigazzjoni u adattament tat-tibdil fil-klima għandhom dejjem iqisu l-impatt fuq ir-riżorsi tal-ilma u l-UE għandha tadotta approċċ olistiku lejn l-iskarsezza tal-ilma u ż-żminijiet ta' nixfa.
- *Gwadanji kbar fl-effiċjenza tal-ilma jistgħu u għandhom isiru.* L-effiċjenza tar-riżorsi hija inizjattiva ewlenija tal-Ewropa 2020, u l-effiċjenza tal-ilma għandha parti ċentrali fl-istrateġija. Barra minn hekk, il-kwantità u l-kwalità tal-ilma ma jistgħux jinfirdu minn xulxin. Pereżempju, ir-rabta bejn l-enerġija u l-ilma hija kruċjali: skont studju riċenti mitlub mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, is-settur tal-enerġija jgħodd għal madwar 45% tal-estrazzjoni tal-ilma fl-UE u l-produzzjoni tal-enerġija tista' taffettwa l-kwalità tal-ilma u, bil-maqlub, l-enerġija hija użata fit-trattament tal-ilma: għandu jkun żgurat li d-domanda li dejjem tikber għall-enerġija ma tpoġġix pressjoni insostenibbli fuq ir-riżorsi tal-ilma. Barra minn hekk, tekniki u Prattiki tat-tisqija ġodda, flimkien mal-pariri tal-bdiewa, jistgħu jtejbu l-effiċjenza tal-ilma fl-agrikoltura, estrattur kbir ieħor li jgħodd għal madwar 33% tal-użu tal-ilma (u li sehmu jista' jilħaq sa 80% f'ċerti reġjuni tal-Ewropa tan-Nofsinhar). Il-kejl u l-ekodisinn jistgħu jrawmu l-effiċjenza fis-sistemi pubbliċi tal-ilma u fl-industrija.

- *L-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-ilma għandhom jiġu indirizzati mil-leġiżlazzjoni tal-UE.* B'mod partikolari f'reġjuni soġġetti għall-iskarsezza tal-ilma, l-użu mill-ġdid tal-ilma għal raġunijiet ta' tisqija u fid-djar jista' jkun strument importanti biex tinkiseb is-sigurtà tal-ilma. Il-qafas leġiżlattiv għandu jindirizza b'mod espliċitu r-riċiklaġġ tal-ilma, billi jiġu kkunsidrati l-avvanzi teknoloġiċi li jippermettu l-monitoraġġ effettiv tal-kwalità tal-ilma riċiklat.
- *Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom jiġu promossi aktar.* Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu biżżejjed fondi disponibbli għal proġetti ta' riċerka dwar sistemi ta' ġbir tal-ilma tax-xita, teknoloġiji tal-kejl, metodi għall-monitoraġġ u t-tneħħija ta' sustanzi kimiċi u bijoloġiċi li jniġġsu mis-sors u dawk imxerrdin, kif ukoll teknoloġiji għall-konservazzjoni u l-effiċjenza tal-ilma f'żoni urbani u rurali. Is-Sħubija għall-Innovazzjoni Ewropea dwar l-Ilma li jmiss għandha tiġi appoġġjata mill-partijiet interessati kollha bħala l-għodda ideali għall-konċentrazzjoni tal-isforzi fuq l-innovazzjoni.
- *L-istrumenti ekonomiċi huma importanti biex jintlaħqu l-miri dwar l-ilma, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi finanzjarja.* Id-WFD diġà timmira għal 'prezz ġust', iżda jinħtieġu skemi ta' pprezzar aktar trasparenti biex jiġi inkorporat l-irkupru tan-nefqa kollha u l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' 'min iniġġes iħallas' u 'min juża jħallas'. Madankollu t-tariffi għandhom dejjem jikkunsidraw il-kwisjonijiet soċjali meta jiġi ttrattat l-użu personali tal-ilma.
- *Id-dimensjoni internazzjonali għandha tissaħħaħ.* Filwaqt li ġiet imħabbra l-kisba antiċipata tal-Għan tal-Iżvilupp tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-ilma għax-xorb sikur, 'il fuq minn 800 miljun ruħ xorta jużaw ilma għax-xorb mhux sikur u l-mira dwar is-sanità bażika għadha 'l bogħod milli tintlaħaq. L-Ewropa għandha ssaħħaħ l-impenji internazzjonali tagħha, b'mod partikolari fid-dawl tal-Konferenza Rio+20 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li jmiss.

Fl-aħħarnett, tinħtieġ azzjoni deċiżiva fil-livell tal-UE biex jiġu indirizzati l-isfidi dwar l-ilma attwali u futuri li jiffaċċja l-kontinent tagħna. Ir-Rapporteur jistieden lill-Kummissjoni tinkorpora r-rakkomandazzjonijiet tal-politika li fih dan ir-rapport fit-tfassil tal-'Blueprint għall-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma tal-Ewropa' bħala kontribut importanti lejn politika dwar l-ilma aktar effettiva u integrata aħjar u kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd għall-implimentazzjoni tagħha.

10.5.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma, qabel l-adozzjoni ta' approċċ globali neċessarju għall-isfidi Ewropej rigward l-ilma (2011/2297(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Konrad Szymański

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-ħtieġa ta' konċentrazzjoni fuq l-oġettivi speċifiċi u l-attivitajiet tal-programm Orizzont 2020 dwar l-immaniġġjar aħjar u sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma u tal-ambjenti akkwatiċi fl-UE u fil-pajjiżi viċin tagħha; jemmen li l-politika ta' riċerka tal-UE għandha tirrispondi għall-isfidi dejjem jikbru dwar l-immaniġġjar tal-ilma għall-agrikoltura, il-bini, l-industrija, id-djar u l-ambizzjonijiet tal-effiċjenza fl-użu tal-ilma; Jinnota, f' dan ir-rigward, il-programm BONUS għall-Baħar Baltiku bħala eżempju għal reġjuni oħrajn;
2. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġi verifikat l-istat tan-netwerk Ewropew tal-ilma f'termini ta' kwalità tal-ilma, id-danni u l-interkonnettività, bil-possibbiltà li sa 70% tal-ilma fil-bliet Ewropej jista' jintilef minħabba tnixxijiet fis-sistema tal-ilma, u li jiġu promossi l-investimenti tal-infrastruttura;
3. Jinnota n-nuqqas ta' għarfien u ta' informazzjoni dwar id-disponibbiltà tar-riżorsi tal-ilma u dwar l-isfidi involuti fl-immaniġġjar tal-ilma, fl-iżgurar tar-riżorsi tal-ilma u, fid-dawl tal-iskala u l-kumplessità ta' dawn l-isfidi, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jikkunsidrawhom bħala wieħed mill-oqsma importanti waqt it-tnejn tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali (2014-2020);
4. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel proposti konkreti biex jiġi ffrankat l-ilma, bħal miżuri biex tittejjeb l-effiċjenza tal-ilma fil-bini u l-ittikkettjar tal-konsum tal-ilma għall-apparat li juża l-ilma (magni tal-ħasil, eċċ...);

5. Jinnota li kull intrapriża individwali tiddependi fuq l-ilma – l-uniku riżors li ma jistax jiġi sostitwit - u jemmen li l-futur tal-industrija fl-Ewropa jiddependi fuq ir-rispons effettiv għall-isfidi preżenti tal-ilma u l-immaniġġjar tar-riżorsi eżistenti tal-ilma, li għandhom konsegwenzi diretti fuq is-saħħa tal-bniedem, il-produzzjoni tal-enerġija, l-agrikultura u s-sigurtà alimentari, b'mod responsabbli kif ukoll effiċjenti;
6. Jitlob għal approċċ ġerarkiku għall-immaniġġjar tal-ilma li jiddingwixxi l-konsum mill-użu industrijali, u biex l-ilma jiġi mmaniġġjat skont dan;
7. Jinnota li l-politika tal-prezzijiet għandha tkun konsistenti mal-politika għall-iffrankar tar-riżorsi tal-ilma, u li l-prezzijiet għandhom ikunu trasparenti, progressivi u jikkorrispondu ma' twettiq reali tas-servizz li jingħata;
8. Jinnota li l-kwalità tal-ilma għandha impatt fuq it-turiżmu; jitlob li s-sistema tal-Bandiera Blu tiġi estiża għaż-żoni kollha tal-għawm fl-Ewropa, inklużi x-xmajjar, il-lagi u l-għadajjar;
9. Jenfasizza li l-kunċett tat-turiżmu sostenibbli jinkudi l-preservazzjoni tar-riżorsi tal-ilma; Jitlob li jiġi pprovdut it-taħriġ dwar l-iffrankar u l-użu sostenibbli tal-ilma fost il-professjonisti tat-turiżmu, speċjalment fiż-żoni kostali u fiż-żoni termali;
10. Jinsisti li biex politika dwar l-immaniġġjar tal-ilma tkun effettiva trid tiġi implimentata qrib ir-riżorsi; jitlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra ż-żoni bi żvantaġġi naturali bħaż-żoni muntanjużi, il-gżejjer u r-reġjuni l-iktar imbiegħda;
11. Jinnota li l-industriji agroalimentari li jiddistribwixxu l-ilma għandhom iqisu s-saħħa u s-sikurezza waqt perjodi ta' sħana qawwija jew ċirkostanzi eċċezzjonali oħra, u li għalhekk jeħtieġ tiġi evalwata l-preżenza tagħhom fiż-żona u li jiġi promoss l-iżvilupp u l-aċċess tagħhom għaż-żona kollha;
12. Jitlob lill-Kummissjoni biex thegħeġ lill-intrapriżi biex jużaw materjali li jaħlu inqas ilma, permezz ta' għajjuna għar-R&Ż u permezz tal-fondi strutturali fiż-żoni fejn ir-riżorsi jkun l-inqas disponibbli;
13. Jilqa' aktar koordinazzjoni u żvilupp fil-politiki Ewropej dwar l-ilma bbażati fuq il-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmajjar u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa (WISE);
14. Fid-dawl taż-żieda fir-riskju ta' għargħar osservat matul dawn l-aħħar snin fit-territorju tal-Istati Membri, jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq analiżi adegwata tal-possibiltajiet ta' prevenzjoni tal-konsegwenzi ta' dawn il-fenomeni;
15. Jinnota l-potenzjal għall-immaniġġjar aħjar tad-data, ibbażat fuq it-titjib fl-informazzjoni tal-istatistika u l-użu ta' stazzjonijiet ta' għbir tad-data, sistemi ta' informazzjoni dwar l-ilma u l-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES) għall-monitoraġġ tal-istat tar-riżorsi tal-ilma u l-perssonijiet li qed tħalli fuqhom l-attività ekonomika;
16. Jemmen li huwa importanti li jiġu promossi r-riċerka u l-innovazzjoni fuq it-tema tal-ilma u li l-iżvilupp ta' raggruppamenti Ewropej f'dan il-qasam għandu jithegħeġ;

17. Jenfasizza l-importanza tad-disponibilità tar-riżorsi tal-ilma għall-politika industrijali tal-UE; jinnota l-potenzjal kbir fl-applikazzjoni ta' teknoloġiji għall-użu mill-ġdid tal-ilma li jittrattaw id-drenaġġ fl-agrikoltura, fl-industrija u fil-bini; jistieden lill-Kummissjoni biex ttejjeg l-ottimizzazzjoni tal-użu suċċessiv tal-ilma meħud miċ-ċiklu tal-ilma u lil-Istati Membri biex jiżguraw l-investiment meħtieġ fil-proċessi ta' purifikazzjoni u riċiklaġġ tad-drenaġġ sabiex tinżamm u tittejjeb il-kwalità tal-ilma u jżommu lill-manifatturi infurmati bi kwalunkwe tibdil sustanzjali għall-kompożizzjoni tal-ilma;
18. Jemmen li d-domanda li dejjem qed tikber tal-ilma teħtieġ investiment urġenti fl-irrigazzjoni u jistieden lill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-użu ta' soluzzjonijiet biex tindirizza l-iskarsezza tal-ilma ġieri bħall-iċċarġjar artifiċjali tal-akwiferi, l-irkupru tal-ilma u l-iżvilupp ta' tekniki alternattivi għall-irrigazzjoni; fl-istess ħin, jenfasizza l-importanza tat-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġiji relatati ma' dawk it-tekniki, kif ukoll il-preservazzjoni tal-ilma, mal-estrazzjoni tal-ilma, mal-ġestjoni tal-ilma ta' taħt l-art u t-trattament tal-ilma mormi;
19. Jinnota l-potenzjal tal-idroenerġija bħala forma newtrali ta' CO₂ u l-produzzjoni ta' enerġija bbażata fuq riżorsi proprji li tista' tindirizza b'mod effettiv għad-domanda Ewropea għall-provvista tal-enerġija. Jitlob l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda u innovattivi ta' enerġija f'din iż-żona;
20. Jinnota li d-drenaġġ huwa sors tal-enerġija permezz tal-irkupru tas-sħana jew l-irkupru tal-enerġija minn materjal organiku li jittrasporta, u li hemm bżonn tiġi żviluppata din l-opportunità;
21. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tiżviluppa approċċ koerenti għall-internalizzazzjoni tal-ispejjeż li jirriżultaw mill-użu tal-ilma, it-tniġġis tal-ilma u t-trattament tal-ilma;
22. Jitlob għal kooperazzjoni internazzjonali u reġjonali aħjar, speċjalment mal-pajjiżi ġirien tal-UE, bħal dawk fir-reġjun Mediterran, u li l-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali jindirizza b'mod effettiv l-isfidi attwali u futuri dwar l-immaniġġjar tal-ilma li qed taffaċċja s-soċjetà;
23. Jinnota li l-istrateġija finanzjarja l-ġdida tal-UE dwar il-fondi ta' koeżjoni għandha tqis b'mod aktar wiesa' mill-passat l-investimenti fl-infrastruttura idroteknika;
24. Jinsisti li l-kontroll u l-immaniġġjar tat-tniġġis tal-ilma għandhom isiru primarjament mis-sors;
25. Jinnota li s-settur tal-agrikoltura jitlob parti kbira mir-riżorsi tal-ilma, u li għandhom jittejjeg, permezz tal-PAK, il-prattiki u t-tekniki l-aktar ekonomiċi fl-użu tal-ilma, fejn dan ikun possibbli;
26. Jinnota li n-normi li japplikaw għall-bdiewa huma diġà għoljin u mmonitorjati mill-qrib; jitlob għat-tisħiħ tal-kundizzjonalità ekoloġika fil-PAK abbażi tal-obbligi eżistenti;
27. Jemmen li d-djar sekondarji jirċievu l-istess servizz ta' disponibbiltà tar-riżorsi bħar-residenzi prinċipali u li l-kontribut għall-finanzjament tagħhom għandu tal-anqas ikun daqs;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	8.5.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 57 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Amelia Andersdotter, Josefa Andrés Barea, Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Pilar del Castillo Vera, Dimitrios Droutsas, Vicky Ford, Adam Gierak, Norbert Glante, Robert Goebbels, András Gyürk, Fiona Hall, Edit Herczog, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Béla Kovács, Philippe Lamberts, Judith A. Merkies, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Michèle Rivasi, Paul Rübig, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Britta Thomsen, Evžen Tošenovský, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras, Henri Weber, Inês Cristina Zuber
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Antonio Cancian, Ioan Enciu, Françoise Grossetête, Roger Helmer, Jolanta Emilia Hibner, Bernd Lange, Werner Langen, Zofija Mazej Kukovič, Silvia-Adriana Țicău
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Anne E. Jensen, Nicole Kiil-Nielsen, Norica Nicolai

25.4.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-PETIZZJONIJIET

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma, qabel l-adozzjoni ta' approċċ globali neċessarju għall-isfidi Ewropej rigward l-ilma (2011/2297(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Nikolaos Chountis

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jiddikjara li l-ilma huwa riżorsa komuni tal-umanità u ġid pubbliku u għalhekk m'għandux ikun sors ta' profitt mill-kummerċ, u li l-aċċess għall-ilma għandu jikkostitwixxi dritt fundamentali u universali; jenfasizza li l-użu sostenibbli tal-ilma huwa neċessità ambjentali u ta' saħħa li għandu rwol fundamentali fiċ-ċiklu tar-regolazzjoni tal-klima; itenni li 'l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma m'għandhiex tkun soġġetta għar-regoli tas-suq intern' (Riżoluzzjoni PE P5_TA (2004)0183) u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jiżguraw is-sjieda u l-ġestjoni pubblika tal-ilma u tas-servizzi tal-ilma;
2. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-bilanċ bejn il-ħtieġa għall-ilma u r-riżorsi disponibbli laħaq livell kritiku f'ħafna reġjuni tal-Ewropa u li t-tibdil fil-klima jista' jagħmel is-sitwazzjoni saħansitra agħar milli hi; l-iskarsezza tal-ilma u n-nixfa issa qed jaffettwaw it-territorju kollu ta' xi Stati Membri fuq bażi permanenti; jenfasizza li t-tibdil fil-klima u t-tibdil sussegwenti fil-kundizzjonijiet tat-temp jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kwalità u d-disponibbiltà tar-riżorsi tal-ilma Ewropej, li ż-żoni Ewropej milquta minn stress għoli fuq l-ilma huma mistennija jiżdiedu mid-19% tal-lum għal 35% sal-2070 u li l-avvenimenti estremi tat-temp relatati mal-klima jikkostitwixxu sfidi addizzjonali għall-ġestjoni effiċjenti tal-ilma.
3. Iħeġġeġ kawtela estrema rigward l-impatt ambjentali negattiv serju possibbli tal-iskemi ddisinjati biex isiru devjazzjonijiet jew modifiki fil-kanali u l-flussi attwali tax-xmajjar li jistgħu jiggravaw b'mod serju t-theddida għas-sostenibbiltà tar-riżorsi tal-ilma u għall-bilanċ ekoloġiku; ifakkar li jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' impjanti tad-desalinazzjoni

sabiex tittaffa l-iskarsezza tal-ilma f'ċertu reġjuni, iżda f'kull każ dawn għandhom ikunu f'konformità mal-iżjed standards ambjentali stretti kemm fir-rigward tas-sit fejn jinsabu, il-livell tagħhom tal-konsum tal-enerġija u r-rimi b'mod sigur tal-melħ li jiġi estratt;

4. Jinnota li, b'kuntrast, pajjiżi oħra ma jbatux minn nuqqas ta' ilma iżda qed ikollhom diffikultà biex jiġġestixxu l-eċċess tal-ilma li jirriżulta minn xita regolari jew qawwija, mill-għargħar, mill-erożjoni tax-xmajjar u mit-tniġġis li jaffettwaw iż-żoni tal-baċiri tax-xmajjar u dawk kostali, kif ukoll l-effetti ta' dawn il-fenomeni fuq il-popolazzjoni lokali, kif jixhdu l-ħafna petizzjonijiet li waslu;
5. Jinnota li d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD) tistabbilixxi qafas għall-ħarsien tal-korpi kollha tal-ilma fl-UE – l-ilmijiet ta' taħt l-art u tal-wiċċ, lagi, xmajjar u ilmijiet kostali – u għandha l-objettiv li tilħaq 'stat ekoloġiku u kimiku tajjeb' sal-2015;
6. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li fil-qasam tal-implimentazzjoni tad-WFD fil-preżent, f'xi Stati Membri, l-applikazzjoni ineffettiva u l-infurzar jibqgħu problema kbira; l-istat attwali tal-implimentazzjoni juri li xi Stati Membri waqgħu lura, li l-istat tal-ilmijiet tal-UE xejn mhu aċċettabbli u li l-objettivi ta' spiss mhumiex segwiti b'konsistenza suffiċjenti f'politiki oħra tal-UE; jesprimi t-tama tiegħu li r-riforma li qed issir fil-Politika Agrikola Komuni se tindirizza l-problemi relatati mal-ġestjoni tal-ilma għall-agrikoltura; jenfasizza li l-ġestjoni tajba tal-ilma trid tkun integrata fil-politiki kollha Ewropej ta' setturi li jużaw jew iniġġsu l-ilma, u jenfasizza li l-miżuri ta' adattament lokali, reġjonali jew nazzjonali jistgħu biss ikunu effettivi jekk ikunu kkoordinati fuq livell tal-UE;
7. Jemmen li l-ilma mormi minn riżorsi urbani jħalli impatt sinifikanti ta' tniġġis fuq l-ambjent akwatiku, fuq ix-xmajjar u fuq il-kosta, u li l-implimentazzjoni b'suċċess tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi għandu influwenza sinifikanti fuq il-kwalità tal-ilma fl-Istati Membri kollha, u għalhekk fuq l-implimentazzjoni b'suċċess tad-WFD;
8. Jiġbed l-attenzjoni għall-impatt serju li dan it-tniġġis jista' jkollu fuq is-saħħa tal-bniedem kif jixhdu l-petizzjonijiet li waslu mill-Irlanda (Galway), minn Franza (Brittany), u minn Stati Membri oħra; ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2012 dwar il-kwestjonijiet imqajma mill-petizzjonanti fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Ġestjoni tal-Iskart, u ta' direttivi relatati oħra, fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, u li ġibdu l-attenzjoni għal-livelli perikolużi tal-kontaminazzjoni fl-ilma li tirriżulta minn miżbljet u barrieri ġestiti b'mod ħażin jew li huma illegali li wasslu għall-infiltrazzjoni u t-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art u tal-ilma tal-pjan (nappes phréatiques);
9. Jinnota li minkejja l-progress li sar fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, għad hemm lakuni fir-rigward tar-rati ta' konformità fis-sistemi ta' ġbir u/jew ta' trattament; jitlob lill-Kummissjoni biex tipprovdi aktar appoġġ għall-finanzjament ta' impjanti tat-trattament tal-ilma mormi u tal-infrastruttura fuq skala kbira ta' sistemi tad-drenaġġ fl-UE, inkluż l-użu mill-ġdid tad-drenaġġ ittrattat għall-irrigazzjoni u għal skopijiet industrijali;
10. Jinnota wkoll li mill-1988, fost il-petizzjonijiet relatati ma' lmenti dwar l-ambjent indirizzati lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, 601 minn dawn il-petizzjonijiet (Spanja 166, ir-Renju Unit 129, il-Ġermanja 97, l-Italja 60, Franza 55, il-Greċja 34, l-Olanda 16, il-

Portugall 16, l-Irlanda 12, il-Polonja 4, ir-Rumanija 4, il-Finlandja 3, il-Bulgarija 2, l-Ungerija 2 u s-Slovenja 1), xi drabi koiffirmati minn diversi firmatarji (ara petizzjoni 0784/2007, koiffirmata minn 2036 firmatarju), jirrigwardaw il-kwalità u l-kwantità tal-ilma fl-Istati Membri; jirrikonoxxi li dawn il-petizzjonijiet huma prova li l-ilma huwa problema ferm serja għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea;

11. Jinnota li skont stħarriġ tal-Ewrobarometru ta' Marzu 2012, 68% tal-Ewropej jaħsbu li l-problemi dwar il-kwantità u l-kwalità tal-ilma huma serji, 80% jemmnu li t-tniġġis kimiku huwa theddida għall-ambjent tal-ilma, 62% jħossu li mhumiex infurmati biżżejjed dwar il-problemi li jistgħu jaffettwaw l-ilma ta' taħt l-art, il-lagi, ix-xmajjar u l-ilmijiet kostali ta' pajjiżhom, 67% jaħsbu li l-iktar mod effettiv biex jiġu ttrattati l-problemi dwar l-ilma huwa żieda fl-għarfien dwar il-problemi relatati mal-ilma, u 73% jaħsbu li l-UE għandha tipproponi miżuri addizzjonali biex jiġu indirizzati l-problemi dwar l-ilma fl-Ewropa;
12. Ifakkar lill-Istati Membri fl-obbligi tagħhom skont id-WFD li jintlaħaq stat tajjeb tal-ilma sal-2015, u jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex, mill-aktar fis possibbli, jieħdu l-miżuri neċessarji kollha u jagħtu biżżejjed għajjnuna finanzjarja u teknika ħalli jintlaħqu dawn l-oġettivi tal-kwalità tal-ilma; jemmen li s-sehem taċ-ċittadini, tal-awtoritajiet kompetenti u tal-livelli differenti ta' governanza, tas-setturi produttivi, tal-NGOs ambjentali u tas-soċjetà ċivili huwa essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tad-WFD u għall-ġestjoni ambjentali sostenibbli kollha kemm hi;
13. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timmonitorja b'attenzjoni l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-WFD sabiex jiġi żgurat li din issir kif xieraq u b'mod effettiv, u sabiex b'mod konsistenti tħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu progress konkret; jirrimarka li, f'ħafna każijiet, il-petizzjonijiet żvelaw problemi relatati mat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tkun aktar determinata fl-inkjesti tagħha, b'mod partikolari, meta teżamina l-petizzjonijiet;
14. Jiġbed l-attenzjoni dwar fatturi negattivi denunzjati mill-petizzjonanti – inklużi l-miżblijiet, in-nuqqas tal-awtoritajiet kompetenti li jikkontrollaw il-kwalità tal-ilma, il-prattiki agrikoli u industrijali irregolari jew illegali, l-iżvilupp urban u dak relatat mal-enerġija, l-agrikoltura u l-industrija – li għandhom impatt kbir fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem u huma responsabbli għall-kwalità fqira tal-ilma; jitlob, għalhekk, li jiġu stabbiliti inċentivi aktar speċifiċi għall-ġestjoni effiċjenti tal-ilma – b'mod partikolari għall-popolazzjonijiet fqar u rurali – u għall-aċċess għall-ilma għal kulħadd, u d-distribuzzjoni tal-ilma f'żoni li jiffaċċjaw skarsezza tal-ilma, b'mod partikolari dawk iż-żoni li qegħdin 'il bogħod minn agglomerazzjonijiet urbani kbar mgħammra b'infrastruttura għall-ilma;
15. Jiddispjaċih li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li temenda d-WFD (COM (2011)876) iżżid 15-il sustanza kimika ġdida biss minn lista ta' 2000 sustanza potenzjalment perikoluża li għandhom ikunu mmonitorjati u mnaqqa, u tonqos milli tfassal skedi ta' żmien ċari biex ikunu eliminati gradwalment l-aktar sustanzi kimiċi perikolużi, minkejja rekwiżiti legali speċifiċi stabbiliti sa mis-sena 2000; jitlob, għalhekk, lill-Kumitat dwar l-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, sabiex fir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni, jagħti attenzjoni partikolari lis-sustanzi ta' prijorità msemmija hawn fuq – spiss identifikati mill-petizzjonanti bħala 'skart tossiku u radjuattiv' – minħabba l-grad

għoli ta' riskju li fihom għas-saħħa tal-bniedem, bħala kontaminanti tal-ilma;

16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex iżżid l-isforzi tagħha fil-għieda kontra ż-żieda fir-rilaxx fl-ilma ta' sustanzi li jniġġsu bħal residwi ta' antibijotiċi, mediċini kif ukoll residwi tal-ormoni mill-pilloli ta' kontra l-konċepiment, minħabba li dawn ir-residwi għandhom effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent;
17. Itenni li d-WFD tippreskrivi koordinazzjoni bejn l-Istati Membri biex jikkondividu l-baċir komuni tax-xmara fejn l-użu tal-ilma jista' jkollu effetti transkonfinali, u jħeġġeġ lill-Istati Membri kkonċernati biex jidħlu f'komunikazzjoni u f'kooperazzjoni transkonfinali regolari sabiex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tad-WFD fir-rigward tat-tniġġis ikkawżat minn sustanzi ta' prijorità, minn sustanzi ta' prijorità perikolużi u minn nutrijenti;
18. Iqis li l-arrikkiment tan-nutrijenti hu wieħed minn għadd ta' fatturi responsabbli għat-tniġġis tal-korpi tal-ilma tal-wieċ, li b'hekk jaffettwa l-bijodiversità u jnaqqas servizzi siewja tal-ekosistema; jirrikonoxxi li l-kundizzjonijiet tan-nutrijenti investigati possibilmint jistgħu jimpedixxu, għal aktar minn nofs il-każi, l-isforz biex jintlaħaq 'stat tajjeb' fil-korpi tal-ilma tal-wieċ sal-2015;
19. Jistieden lill-Kummissjoni biex fl-2012 tiżviluppa u tippubblika pjan ta' direzzjoni biex jiġu stipulati rakkomandazzjonijiet li jiffukaw fuq it-titjib tal-effiċjenza tar-riżorsi tal-ilma u l-użu tal-art, jiżviluppaw approċċ għall-integrazzjoni tal-kwistjoni tal-ilma fil-politiki kollha u jtejbu l-governanza tal-ġestjoni tal-ilma kif ukoll ir-riċerka u l-ġbir tad-data; jilqa' f'dan il-kuntest iżjed integrazzjoni ta' regolamenti li jipproteġu l-ambjent fil-PAK; il-Kummissjoni qed tiġi mistiedna wkoll biex fl-2012 tippubblika 'Pjan għas-Salvagwardja tal-Ilma tal-Ewropa' bbażat fuq ir-reviżjoni tal-implimentazzjoni tad-WFD, ir-reviżjoni tal-Politika tal-UE dwar l-Iskarsezza tal-Ilma u n-Nixfa kif ukoll ir-reviżjoni tal-politika tal-UE ta' adattament kif relatata mal-ġestjoni tal-ilma;
20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi u kampanji informattivi li jaqjmu kuxjenza dwar l-ilma sabiex tiġi introdotta kultura ta' ffrankar u effiċjenza tal-ilma fost iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea; jinsisti li dawn il-programmi li jaqjmu kuxjenza fil-komunità għandhom ikunu diretti lejn iċ-ċittadini ta' kull età, sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu aħjar u b'mod aktar effiċjenti minn dan il-ġid pubbliku vitali;
21. Jemmen li l-involviment tal-pubbliku huwa prekondizzjoni għall-ħarsien tar-riżorsi tal-ilma u għall-identifikazzjoni tal-problemi u tal-iżjed miżuri xierqa biex jiġu solvuti; jitlob, għalhekk, għal iżjed kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali responsabbli għal dawn il-kwistjonijiet fl-Istati Membri, u bejn dawn l-awtoritajiet u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet meta dan tal-aħħar ikun qed jittratta t-tħassib taċ-ċittadini Ewropej fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mal-ilma;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	24.4.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 18 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Margrete Auken, Elena Băsescu, Philippe Boulland, Simon Busuttil, Giles Chichester, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Roger Helmer, Carlos José Iturgaiz Angulo, Peter Jahr, Lena Kolarska-Bobińska, Erminia Mazzoni, Csaba Sándor Tabajdi, Jarosław Leszek Wałęsa
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Zoltán Bagó, Birgit Collin-Langen, Kinga Göncz, Phil Prendergast
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Kyriacos Triantaphyllides

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	30.5.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 53 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Sergio Berlato, Lajos Bokros, Milan Cabrnach, Martin Callanan, Chris Davies, Esther de Lange, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Edite Estrela, Jill Evans, Elisabetta Gardini, Matthias Grootte, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Karin Kadenbach, Christa Kläß, Corinne Lepage, Peter Liese, Kartika Tamara Liotard, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Andres Perello Rodriguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Kārlis Šadurskis, Carl Schlyter, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Bogusław Sonik, Salvatore Tatarella, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Sabine Wils
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Gaston Franco, James Nicholson, Eva Ortiz Vilella, Justas Vincas Paleckis, Vittorio Prodi, Britta Reimers, Michèle Rivasi, Alda Sousa, Bart Staes, Marita Ulvskog, Andrea Zannoni